MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 30/1997/1

Emidio Azzopardi .

vs

Accountant General u Direttur tal-Kuntratti t-Tezor, Floriana Malta; u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu Armando Seychell ghan-nom u rapprezentanza tal-Kumpanija Telemalta .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi huwa permezz ta' ittra datata 17 ta' Awissu, elf disa' mija u tmienja u sebghin annessa u markata dokument "A" kien gie inkarigat biex jaghmel appalt ta' thaffir ta' trinek, tqieghed ta' pipijiet u mili bil-konkret u bit-terrapien fit-triq li tiehu minn Victoria ghax-Xewkija, Ghawdex, cioe' Mgarr Road, u maghrufa bhala l-Industrial Estate Area, u

skon il-lista deskrittiva tax-xoghol dokument "B"; u skond it-termini generali tal-kuntratti hawn esebiti u markati dokument "C" ;

Illi x-xoghol gie esegwit mill-attur skond it-terminu u skond il-kundizzjonijiet pattwiti .

Illi l-attur tal-imsemmi appalt baqghalu jiehu minghand il-konvenuti s-somma bilancjali ta' hmistax-il mitt lira maltija (Lm1500) kif ukoll is-somma ta' hdax-il mitt lira maltija (Lm1100) li l-attur kien iddepozita mal-Bank of Valletta, Gozo, bhala garanzija bankarja ta' ghaxra fil-mija (10%) tal-valur tal-kuntratt skond l-ittra tat-tnejn u ghoxrin ta' Awissu, tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (22.8.1978) hawn annessa u markata dokument "D" liema ammont gie rilaxxjat favur il-konvenuti jew min minnhom mill-Bank of Valletta .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta' elfejn u sitt mitt lira maltija (Lm2,600) kwantu ghal elf u hames mitt lira maltija (Lm1500) bilanc tal-appalt imsemmi u kwantu ghas-somma ta' hdax-il mitt lira maltija (Lm1100) ammont depozitat mill-attur bhala garanzija ta' ghaxra fil-mija (10%) tal-valur tal-kuntratt .

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-erbatax ta' Lulju, tal-elf disa' mija u tmenin (14.7.1980) u tal-Mandat ta' sekwestru tat-tnejn ta' Gunju elf disa' mija u tmenin (2.6.1980) kollha kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa imharka ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew illi :

1. Preliminarjament il-Korporazzjoni Telemalta ma ghandha ebda relazzjoi guridika mal-attur u

ghalhekk Armando Seychell ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju .
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione materiae" .
3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur ma esegwiex l-obbligi tieghu skond il-kondizzjonijiet tal-appalt in kwistjoni u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez .
Salvi eccezzjonijiet ohra .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti mahlufa minn Anthony H. Camilleri .

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-8 ta' Ottubru 1981, dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti sede kummercjali, (kwistjoni llum superata, fi kwalunkwe kaz, bl-emendi procedurali tal-1995) .

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Ottubru 1981 fejn innominat lill-Avukat Dottor Philip Bianchi u l-A.I.C. Michelangelo Refalo bhala periti gudizzjari sabiex jiehdu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess periti pprezentata fit-8 ta' Jannar 1985 u mahlufa minnhom fit-13 ta' Frar 1985 .
Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Rat il-verbal taghha tad-19 ta' Gunju 2003 fejn il-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza .

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta' l-attur .

Ikkunsidrat :

Din il-kawza tirrigwarda kuntratt ta' appalt moghti mill-gvern lill-attur . Fic-citazzjoni tieghu l-attur qed jitlob l-ammont bilancjali li jghid li ghadu dovut lilu mill-prezz ta' dan l-appalt u r-rifuzjoni tal-garanzija bankarja li kellu jaghti qabel beda jwettaq dan l-appalt . Il-konvenuti,

apparti xi eccezzjonijiet ta' natura preliminari, qed jallegaw illi m'hu dovut xejn lill-attur ghax m'onorax il-kundizzjonijet ta' dan l-appalt .

Fil-qosor il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti :

L-attur kien rebah *tender* ta' kuntratt ta' appalt minghand il-Gvern, rigward xoghlijiet konsistenti, fost affarijiet ohra, fi thaffir ta' trinek, tqeghid ta' *pipes, ducts, joint boxes* u soqfa mir-Rabat, Ghawdex sa' l-*Industrial Estate* tax-Xewkija . Dan ix-xoghol kellu jsir tul Mgarr Road, it-triq ewlenija ta' Ghawdex . Il-*letter of acceptance* mill-Gvern u d-deskrizzjoni ezatta tax-xoghol, kif ukoll il-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-ftehim, huma esebiti fil-process[1] . L-attur hareg ukoll garanzija permezz tal-Bank of Valletta fis-somma ta' elf u mitt lira maltija (Lm1100) .[2] Wara li x-xoghol tlesta, l-gvern baqa' ma hallasx is-somma bilancjali ta' elf u hames mitt lira maltija (Lm1500), u l-ammont tal-garanzija gie moghddi lill-gvern, wara talba tat-Tezor sabiex dawn il-flus jithallsu lilhom, kif kien gie stipulat fl-istess garnzija bankarja[3] .

Il-konvenuti jsostnu li l-attur ma esegwiex l-obbligi tieghu skond il-kundizzjonijiet ta' l-appalt, billi f'kaz ta' certi soqfa, mit-*tests* tal-*crushing strength* tal-konkos uzat mill-attur, irrizulta li dan ma kienx skond l-ispecifikazzjonijiet indikati fil-kuntratt ta' appalt . Jikkontendu wkoll illi l-attur naqas milli jinforma lill-konvenuti meta kien ser jaghti l-konkos ta' dawn is-soqfa u ghalhekk dawn ma setghux jibaghtu r-rapprezentanti taghhom sabiex jaghmlu t-*tests* tal-*crushing strength* relattivi, skond wahda mill-kundizzjonijet tal-kuntratt . Jghidu wkoll li kien hemm dewmien ta' erba' u tmenin gurnata (84) fit-tlestija ta' dawn ix-xogholijiet[4].
L-attur, da parti tieghu, jikkontendi li huwa ghamel ix-xoghol kollu miftiehem, li x-xoghol huwa maghmul tajjeb u

[1] Minn fol. 9 sa fol. 53 .
[2] a fol. 25 u 53 .
[3] ara xhieda ta' Anthony Scicluna, rapprezentant tal-Bank of Valletta, fis-seduta tat-12.4.82 .
[4] ara xhieda ta' Paul Cuschieri tas-17.5.1984 a fol.162 .

skond l-ispecifikazzjonijiet tal-kuntratt ta' l-appalt moghti lilu, u li fejn ma ttiehdux kampjuni tal-konkos, dan ma kienx tort tieghu, imma nuqqas minn naha tal-konvenuti jew ir-rapprezentanti taghhom . Dwar id-dewmien jghid, fost affarijiet ohra, li dan ukoll kien dovut ghall-konvenuti li naqsu li jissuplixxuh bil-materjal mehtieg, partikolarment is-*separators* li kellhom necessarjament jintbaghtu mill-imhazen tal-gvern f'Malta . [5]

L-eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza *ratione materie,* giet deciza bis-sentenza preliminari taghha hawn fuq indikata.[6]

L-eccezzjoni preliminari l-ohra tirrigwarda n-nuqqas ta' relazzjoni guridika ta' l-attur mal-Korporazzjoni Telemalta . Il-perit legali, wara li ha in konsiderazzjoni li l-kuntratt t'appalt sar mill-attur mad-Direttur tal-Kuntratti u mal-*Accountant General*, it-Tezor, u mhux mal-Korporazzjoni msemmija, u wara li nnota wkoll illi l-*letter of acceptance of tender* giet mibghuta fis-17 ta' Awissu 1978 mill-*Accountant General* u d-Direttur tal-Kuntratti lill-attur, irrelata li din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha u l-Korporazzjoni liberata mill-osservanza tal-gudizzju . Dan ghaliex kollox jindika illi, minkejja li x-xoghlijiet saru sabiex tinqeda l-Korporazzjoni Telemalta, ir-relazzjoni guridika ta' l-attur hija mal-konvenuti l-ohra, li dehru huma ghall-gvern fuq il-kuntratt relattiv[7] . Il-Qorti tikkondividi din il-konkluzjoni ghall-istess ragunijiet moghtija mill-perit legali .

Dwar il-mertu, il-periti gudizzjarji kkonkludew illi :

1. L-attur naqas illi jaghti pre-avviz ta' meta huwa kien ser jaghti l-konkos fil-kazijiet tal-*manholes* 103, 104 u 204, u minhabba f'hekk il-konvenuti ma setghux jiehdu l-kampjuni ghall-*crushing tests* ;

2. Kemm fil-kazijiet tal-*manholes* fejn ma ttiehdux kampjuni, cioe' l-103, 104 u 204, kif ukoll fil-kazijiet tal-

---

[5] ara depozizzjoni ta' l-attur tas-17.5.1988 .
[6] a fol. 64 - 66 .
[7] ara relazzjoni peritali a fol. 111 – 112 .

*manholes* fejn ittiehdu kampjuni, pero' ma ghaddewx il-*crushing strength* fit-*tests* li saru mill-konvenuti, cioe' *manholes* 106 u 107, irrizulta lill-perit tekniku illi l-ebda wiehed minn dawn il-*manholes* ma huwa sodisfacenti, billi kollha huma taht l-ispecifikazzjoni ta' 4000 lbs/sq.in mitlub fil-kuntratt ;[8]

3. L-attur dam izjed miz-zmien pattwit (erba' xhur)[9] sabiex ilesti x-xoghol.[10]
Il-periti gudizzjarji waslu ghal dawn il-konkluzjonijiet wara li kkunsidraw illi :

i. l-attur mhux dejjem kien jinforma fil-hin lir-rapprezentanti governattivi meta kien ser jaghti l-konkos u ghalhekk dawn jew kienu jaslu tard, meta kien ikun difficcli jiehdu *samples* tajbin, inkella ma kienu jmorru xejn ;
ii. anke fir-rigward tas-*samples* li rnexxielhom jiettiehdu, dawn mhux necessarjament kienu jsiru testijiet adgewati fuqhom, sew minhabba d-dewmien kif ukoll ghax ma kienx isir kontroll tajjeb sabiex jigi accertat li tassew kienu s-*samples* tal-konkos uzat mill-attur ;
iii. fi kwalunkwe kaz, mit-testijiet maghmula mill-espert tekniku stess fuq il-*manholes* in kwistjoni, rrizulta ndubbjament illi dawn ma jilhqux l-ispecifikazzjonijiet indikati fuq il-kuntratt, ghalkemm ma jistghax jinghad illi m'humiex xorta wahda ta' kwalita' tajba, billi ma rrizultat ebda hsara sakemm gie biex jirrelata il-perit tekniku, u dan minkejja l-istrapazz kontinwu li jissubixxu dawn il-*manholes* fi triq daqstant traffikuza bhal ma hi Mgarr Road ;
iv. irrizulta li kien hemm dewmien mhux gustifikat ta' erba' u tmenin (84) gurnata fuq il-perijdu kuntrattat sabiex jitlestew ix-xoghlijiet; l-attur kien anke intrabat taht penali ta' ghaxar liri (Lm10) kuljum li jlesti x-xoghlijiet miftehma fiz-zmien stipulat .[11]

---

[8] ara kundizzjoni nru.7 ta' li "Specifications for the Construction of Jointing Chambers", esebit bhala Dok. K a fol. 45 verso tal-process .
[9] Dok. F a fol .34 .
[10] ara relazzjoni peritali a fol. 129 .
[11] ara relazjoni peritali a fol. 101 sa 129 tal-process .

Il-ligi taghna ftit li xejn titkellem dwar l-obbligi tal-appaltatur .[12] Gie pero' stabilit fid-duttrina u fil-gurisprudenza illi :
"*Le obbligazioni dell'appaltatore in ordine alla esecuzione del contratto di appalto altre sono principali o accessorie .*

*Incominciando dalle prime diremo che le medesime riflettono l'obbligo in lui di eseguire le opere conformemente alla speciale convenzione stipulata, od, in difetto di preciza indicazione di questa, in modo approvabile, di guarantire la solidita' delle opere, di eseguire nel tempo pattuito o in quello congruo da fissarsi, di eseguire coi materiali prescritti, nella quantita' prescritta, nel luogo e colla forma indicati .*

*Le obbligazioni accessorie riflettono l'obbligo di sopportare talune spese e prestazioni accessorie, di rispondere dei propri operai, di rispondere verso i terzi dannegiati nella esecuzione, di rispondere infine per l'inosservanza dei regolamenti e delle leggi speciali, di fare e prestarsi a fare tutto cio' che assicuri la migliore esecuzione delle opere, di subire in taluni casi le clausole penali, le ritenute, la esecuzione di ufficio, specialmente in tema di lavori pubblici."* [13]

L-attur isostni fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu illi huwa kien fl-impossibilita' "relattiva" li jipprovdi *concrete* ta' l-ispecifikazzjonijiet mitluba mill-awtoritajiet pubblici . Sabiex isostni din it-tesi tieghu huwa pproduca wkoll rapport minn espert *ex parte* l-A.I.C. Italo Raniolo fejn hemm spjegat illi ghat-tip ta' xoghol li ried il-gvern f'dan l-appalt, qatt ma seta' jigi prodott konkos bi *crushing strength* ta' 4000 lbs/sq. in kif kien gie specifikat fit-*tender dokuments* relattivi .[14]
Apparti l-fatt illi dan ir-rapport ma jidhirx illi qatt gie kkonfermat bil-gurament tal-perit Raniolo, il-bran citat minnu mill-**Giorgi** fl-istess nota, ma jidhirx illi huwa applikabbli hawnhekk . Dan ghalhiex fil-kaz in ezami, ma

---

[12] art. 1633 - 1643 tal-Kap. 16 .
[13] Marco Vitalevi : Digesto Italiano Vol. III. pte. 2a; Torino, 1926 # 79 pag.40
[14] Dok. AG a fol. 218 ipprezentat fil-31.7.85 .

nistghux nitkellmu dwar impossibilita' relattiva, ghax din tirreferi aktar ghall-kundizzjoni ta' l-appaltatur li forsi ma jkunx attrezzat bizzejjed biex jesegwixxi bicca xoghol partikolari . F'kaz bhal dan, kif jghid l-istess awtur hawn fuq citat :

"*Ove l'impossibilita' di prestar l'opera fosse semplicemente soggettiva e limitata alla persona dell'imprenditore che e' meno abile e capace, la stipulazione conserverebbe tutto il suo effetto…. E ove, per quella relattiva impossibilita', dovesse rimanere ineseguito il contratto, il locatore che si accollo' lavori superiori alle sue forze dovrebbe sottostare verso il committente all'obbligo della rifazione dei danni* ."[15]

Jekk tassew il-konkos in kwistjoni ma setghax isir bl-ispecifikazzjonijiet stipulati fil-kuntratt, tezisti **impossibilita' assoluta** u mhux wahda relattiva . Imma anke f'dan il-kaz, l-appaltatur ma jkunx b'daqshekk liberu li jinterpreta' l-kuntratt kif jidhirlu, imma kif jinghad ukoll mill-istess awtur hawn citat :

"*Il contratto e' legge tra le parti : quindi, quando la convenzione determina le modalita'* ***lato sensu*** *della esecuzione dei lavori, non vi e' dubbio che si deve stare alla medesima, salvo il caso in cui la esecuzione si' e come venne nel contratto prevista, si appalesi impossibile ad effetuarsi .*

*Nel case di questa impossibilita' si verifichi, la questione che ne sorge e' essenzialmente di fatto, vale a dire debesi indagare se nella intenzione delle parti sia ammessibile il mantenimento del contratto con surrogarvi modalita' diverse di esecuzione, o se la loro volonta' non ammettendo surrogazione di altre maniere o sistemi, debba cadere il contratto …*

*Intanto si avverta che, anche nel caso in cui l'impossibilita' di esegurie le opere nel modo previsto sussista realmente, tuttavia a fronte del contratto*<u>*, non puo*</u>

[15] op. cit. # 482 pag. 227 .

*<u>l'imprenditore proprio marte arbitrarsi di fare surrogazioni, ma queste deve prima discutere e concordare col committente</u>, perche' ripetiamolo, la* ***lex locationis*** *impone di essere rispettata sia in ordine al luogo in cui deve farsi l'opera, sia in ordine alla forma e disegno, sia in ordine ai materiali pattuiti, sia nella quantita' dei lavori, sia infine nel tempo* ."[16]

L-istess ghall-kwistjoni tad-dewmien . Irrizulta mill-provi mressqa mill-attur, illi tassew kien hemm xi dewmien kkagunat ghax xi materjal li kellu jigi supplit mill-awtoritajiet governattivi dam ma nghata lilu .[17] Imma dewmien ta' xi ftit gimghat minhabba din ir-raguni ma tiggustifikax perijdou ta' 84 gurnata oltre z-zmien stitupal fil-kuntratt . Kif lanqas ma hija gustifikazzjoni dak li jsemmi l-attur dwar it-traffiku kontinwu fit-triq fejn gew esegwiti dawn ix-xoghlijiet . L-attur, li huwa minn Ghawdex, zgur li kien jaf b'din il-problema qabel ma tefa' l-offerta tieghu, u messu ghalhekk ghamel il-kalkoli tieghu anke f'dan ir-rigward .

Ghaldaqstant, l-istess bhall-periti gudizzjarji, din il-Qorti thoss illi l-attur ma esegwiex l-appalt moghti lilu skond it-termini tal-kuntratt relattiv . Huma ghalhekk gustifikati l-konvenuti li jzommi parti mis-somma dovuta, kif fil-fatt ghamlu, sabiex taghmel tajjeb ghal tali nuqqas . Hekk ukoll l-attur mhux intitolat li jinghata lura l-ammont tal-garanzija bankarja, billi anke din kienet marbuta mat-twettieq ta' l-appatt in konformita' ma dak li kien gie stipulat bejn il-partijiet .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tillibera lill-konvenut rapprezentant tal-kumpanija Telemalta, illum Maltacom

---

[16] op. cit. # 80 pag. 41 .
[17] ara xhieda ta' l-atttur tas-17.5.88 , ta' Carmel Tabone tad-9.8.88 u ta' Anthony Grixti ta' l-10.4.89 .

plc. mill-osservanza tal-gudizzju, u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur .
S7980Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------